# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## Minuti

## Disa' Legislatura

### *Laqgħa numru 36*

***5.30p.m 23 ta' Settembru 2021***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *36.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

36.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija

## *36.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

36.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 34 u numru 35 tal-Laqgħa Urġenti. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

36.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kif issa jaf kulħadd l-Marsa ġiet magħżula bħala l-Belt Kulturali ta' Malta għas-sena 2022. Dan huwa unur prestiġġjuż għaliex huwa wkoll l-ewwel unur tax-xorta tiegħi u ser ikun qed jagħmel il-Marsin kburin b'dan. Apparti kollox din ser tkun okkazzjoni biex il-Marsa turi l-kwalitajiet tagħha, l-istorja, l-kultura u x-xogħol kbir li jagħmlu l-għaqdiet tal-lokalita'.

36.2.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lill-membri tal-Kunsill li l-proġett Oħloq Tbissima ser ikun qed jużaw s-sala tal-Kunsill kull nhar ta' Gimgħa. Is-Sindku xtaq ifakkar ukoll l-Kunsilliera li għada ser ikun hemm attivita' ħdejn il-Paroċċa tas-Ssma. Trinita' mir-Rare Diseases Foundation immexxija mis-Sinjura Michelle Muscat.

## *36.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

36.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ressaq proposta min residenta sabiex din flimkien mall-Kunsill Lokali tal-Marsa tagħmel 5 Km Fun Run fis-7 ta' Novembru bil-għan li tiġbor fondi għall-bżonnijiet tal-annimali tal-RSPCA. Il-Kunsill ikun jista' jgħin billi jinħarġu l-permessi neċessarji u jinxtraw it-tazzi għal din l-attivita'. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta. Huwa qal li meta' jkollna d-dettalji tar-rotta nkunu nistgħu naħdmu fuqha.

36.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ġibet għall-attenzjoni tal-Kunsill li waqt il-ħinijiet tal-iskola, speċjalment meta jkun hemm il-ħruġ tiżdied il-preżenza tal-Community Police. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi kkonferma li diġa' nforma l-Community Police f'dan ir-rigward.

36.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li mall-monument ta' G.F Abela qed jintefaw diversi qsari li qed ikunu eye-sore u talab biex dawn almenu jiġu mħawwla f'postijiet aktar adegwati. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikellem il-ħaddiema tal-Kunsill biex effettivament jinstab post iktar adegwat għal dawn il-pjanti.

36.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab sabiex il-Kunsill jibgħat lista tal-monumenti storiċi li hawn fill-lokalita' tal-Marsa lill-Heritage Malta sabiex dawn jiġu skedati. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel ma din il-proposta u ser jħejji lista li effettivament ser tkun inkluza mall-Heritage Trail fis-sena kulturali.

36.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li waħda minn dawn il-monumenti li għandhom jiġu skedati hija l-istazzjon tat-tram. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li l-Kunsill jista' jitlob għad-devoluzzjoni tal-istazzjon tat-tram fejn jista' jiġi rrestawrat bħala teatru jew affarijiet relatati. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li tajjeb din it-tema tkun item għaliha fil-laqgħa li jmiss.

36.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ressaq proposta biex il-Bank of Valletta jkun sponsor ewlieni fi proġett fejn tinġabar l-istorja orali mill-anzjani tal-lokalita' biex eventwalment l-istorja orali li tinġabar tkun tista' tiġi ppublikata matul is-sena tal-Belt Kulturali 2022. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta pero jemmen li din trid tkun bħala item għaliha fl-laqgħa oħra.

36.4.7 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li l-Kunsill jista' jissuġġerixxi l-Bank of Valletta biex għas-sena d-dieħla l-kalendarju li jippublikaw ikun propju fuq il-lokalita' tal-Marsa. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel perfettament ma dan is-suġġeriment.

36.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer xtaq jinforma lill-membri preżenti li l-presepju l-kbir mhux ser ikun Malta u għalhekk mhux ser ikun armat hawn. Madankollu, kif ġie diskuss f'laqgħa oħra l-wirja tal-presepji tista' ssir kif miftiehem.

36.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa jekk jistgħax isir parking bay a għoxrin minuta bil-ħinijiet quddiem l-ispiżerija fi Triq Qormi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-proċedura hija waħda stabbilita' u l-persuni kkonċernati għandhom jibgħatu email bid-dettalji u ritratti sabiex il-proposta tiġi evalwata. Din xorta waħda ser ikolha bżonn l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace xtaq isaqsi fl'hiema stadju waslu r-road humps fi Triq Isouard. Qamet diskussjoni fost dawk preżenti dwar fejn huwa l-aktar post adegwat fejn dawn il-road humps għandhom jitqiegħdu. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssuġġerixxa li dawn jinżlu iktar l-isfel min dak inizjalment diskuss. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikellem il-Perit sabiex jagħti gwida lill-Kunsill x'għandhu jsir b'mod professjonali.

36.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li jixtieq iressaq proposta sabiex b'rabta mall-attivatijiet tal-Belt Kulturali 2022, jkun hemm attivita' fil-Marsa għall-ewwel tas-sena bħalma jsir postijiet oħra. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li flimkien mall-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ser ikun qed jiddiskuti mall-kumpanija, madankollu xtaq ifakkar li l-attivitajiet li ġew proposti huma diġa' stabbiliti u costed.

## *36.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

34.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 09/2021 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *36.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

36.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li bħalissa l-Kumitat tal-Festi Esterni Marija Reġina għaddejjin b'xogħolijiet ta' rinovar fuq il-faċċata taċ-Ċentru u għalhekk qd jistaqsu jekk hux possibli li l-Kunsill ibiddel il-bins li fil-preżent hemm imwaħħlin mall-binja. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

36.6.2 Is-Sinkdu s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat ta' Special Olympics qed jitlob lill-Kunsill sabiex ikun jista' jagħmel użu mill-mini pitch sabiex jagħmlu training sessions aktar frekwenti hekk kif f'Mejju li ġej ser isiru f'Malta Special Olympics Invitational Games. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

36.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li The Brain Foundation qed titlob li tkompli tagħmel użu mill-mini pitch darba fil-ġimgħa nhar t'Erbgħa mill-5.45p.m-7.15p.m mill-20 t'Ottubru sat-30 ta' Ġunju. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekkonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

36.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal lil-Għaqda Storika u Kulturali tal-Marsa ferħet lill-Kunsill għall-aħbar li l-Marsa ntgħażlet bħalal-Belt Kulturali 2022. Is-Sindku kkonferma li wara li jkun iffinalizżat il-programm huma wkoll ser ikunu nvoluti f'dawn l-attivitajiet.

36.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li għal din is-sena l-Kunsilli Lokali u dawk Reġjonali ser ikollhom involviment dirett fil-President's Fun Run. Il-Kunsill huwa mitlub jindika r-rotta u jiġbor il-ħlasijiet relatati mall-attivita'. Is-Sindku qal li r-rotta li kien ser iressaq hija li mill-paroċċa ta' Marija Reġina jinżlu min Triq Isouard u Zerafa sa ħdejn il-paroċċa tas-Ssma. Trinita', fejn ikun hemm il-briju tal-Iscouts u l-bandisti. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat din il-proposta filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

36.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ Espressjoni t'Interess biex tagħti l-opportunita' lill-Kunsilli Lokali jorganizzaw programm t'attivitajiet fil-perjodu tal-Milied. L-applikazzjoni għandha tasal id-Dipartiment sa nhar il-ħamis 7 t'Ottubru. Is-Sindku spjega li f'dan ir-rigward huwa tkellem ma diversi Sindki tal-akwata fejn hemm interess li ssir Christmas village fil-junction tal-Marsa b'karrijiet u biż-żeffiena u bil-parteċipazzjoni tal-Kunsilli tal-madwar fosthom Ħal Qormi, Ħamrun, Raħal Ġdid u Ħal Tarxien. It-talba għall-fodi ser tkun ta' €45,000. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

36.6.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-LESA b'kollaborazzjoni mall-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed terġa tniedi l-inizjattiva ta' tqassim ta' fondi lura fil-komunita'. Il-Kunsill għandu jibgħat il-proposti tiegħu b'ammont allokat li ma jaqbisx it-€80,000. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq żewġ proposti li huma; li jinxtara vann għall-ġbir tal-iskart tal-bulky refuse u dan inaqqas ħafna spejjeż għall-Kunsill. It-tieni proposta hija li l-Kunsill jirrestawra n-niċċeċ tal-lokal. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono qal li kull niċċa tkun tiswa madwar €1,000 u ssuġġerixxa li ssir

close circuit camera fi Ġnien Gwann Mamo, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li wara li jsir dan ir-restawr il-Kunsill ikun jista' joħroġ ktieb. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *36.7 Sejħa għall-kantanti, artisti u nies fid-drama, skulturi fil-Marsa*

36.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li hemm bżonn li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-kantanti, persuni artistiċi u oħrajn fid-drama sabiex dawn jkunu jistgħu jiġu kkunttatjati sabiex jesponu t-talenti tagħhom waqt l-attivitajiet marbuta mas-Sena Kulturali 2022 fil-Marsa. Wara diskussjoni ġie miftiehem li l-Kunsill ser joħroġ avviż fil-gurnali, l-midja soċjali, jitqassam fuljett fid-djar u avviz fil-paroċċi. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *36.8 Pjanta għall-Park tal-Klieb*

36.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq pjanta għall-attenzjoni tal-membri li turi d-disinn li l-Perit għamel għall-park tal-klieb taħt il-Pont ta' San Tumas. Huwa għamel passaġġi, wiċċ tal-konkrit, dawra bi dredging u kollox imdawwar bl-injam. Huwa qal li l-istima tal-proġett kollu huwa ta' €177,000. Wara diskussjoni fost dawk preżenti kien hemm emfażi l-prezz tal-park tal-klieb kien wisq għoli u kien hemm suġġerimenti li jintużaw materjali iktar sempliċi biex jitnaqqas il-prezz stimat. Is-Sindku qal li ser ikun qed ikellem il-Perit sabiex jinstabu alternattivi. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *36.9 Żieda fil-ħinijiet t'Impjegata*

. 36.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Sinjorina Ilaria Aquilina li bdiet madwar tlett xhur ilu mall-Kunsill Lokali ntallbet jekk hix interessata żżid is-siegħat minħabba żieda fix-xogħol amministrattiv fil-Kunsill. Is-Sinjorina Aquilina aċċettat din l-offerta jekk kemm-il darba hemm il-qbil fost il-membri tal-Kunsill. Huwa ppjanat li sall-aħħar tas-sena min part-time tiġi reduced hours u mis-sena d-dieħla tkun full-time. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni l-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *36.10 Attivita' – Tifkira tat-2 ta' Novembru*

36.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi wera' x-xewqa li bħalma sar fi snin preċedenti jkun hemm għal din is-sena wkoll kommemmorazzjoni għall-vittmi tal-gwerra fit-2 ta' Novembru. Il-ħsieb huwa li din l-attivita' ma tkunx imkabbra ħafna u sempliċiment ikun hemm avviż mill-Kappillani. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono ssuġġerrixxa li l-monument tal-gwerra jitnaddaf billi jiġi ppollixjat. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *36.11 Sitwazzjoni Marsa – Ħamrun Byepass*

36.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li wara l-laqgħa urġenti li saret ma Infrastructure Malta, huwa tkellem ukoll mall-Ministru Borg dwar din is-sitwazzjoni u min naħa tagħhom dawn huma deċiżi li ma jiċċaqalqux mill-pożizzjoni tagħhom li jitneħħew il-lights. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li waqt din il-laqgħa kien issuġġerixxa li ssir underpass. Il-Kunsillier is-Sur Francis Debono saħaq li jistgħu jsiru ħafna affarijiet oħra fl-akwata fosthom li jiżdied id-dawl, jitranġaw il-bankini u jsiru belishia lights. Madankollu, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri saħaq li waqt il-laqgħa l-belishia lights żgur li ma jistgħux jsiru minħabba standards Ewropej fuq toroq arterjali. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li l-Kunsill iressaq proposta biex issir underpass taħt il-Marsa Ħamrun Byepass. Il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *36.12 Deċiżjoni Xiri ta' Vann*

36.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li wara li l-Kunsill Lokali rebaħ il-fondi ta' €25,000 mill-iskema tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq il-mobilita' u aċċessibilita' biex jixtri vann elettroniku hemm l-obbligu li jinħareġ tender. Il-Kunsill ħareġ tender skond ir-regoli stabbiliti mis-sistema ePPS u applikat kumpanija waħda tan-Nissan bil-mudell e-NV200 Evalia, li huwa vann kompletament eletriku, huwa 7 seater, u min wara jista' jtella persuni b'disabilita'. Il-prezz ta' dan il-vann huwa ta' €38,940 bil-VAT inkluż. Is-Sindku spjega li l-Kunsill qiegħed f'diskussjoni ma kumpanija privata biex ittina ammont sostanzjali ta' fondi biex inkomplu nkopru l-ispejjez u l-Kunsill ser ikun intitolat biex jiġbor l-ammont ta' €8,000 mill-iskema ta' Transport Malta. B'hekk it-tama hija l-Kunsill mhux ser joħroġ flus min ġejja biex jinxtara l-vann. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur li jinxtara dan il-vann kien wieħed unanimu.

## *36.13 Attivita' tal-Milied għall-Anzjani/ attivitajiet oħra tal-Milied*

36.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li filwaqt li huwa jixtieq li jerġa jagħmel l-attivitajiet tal-Milied bħal dik tal-anzjani kif kien isir qabel żmien il-Covid, fil-Kunsill, il-kobor tas-sala u l-imwejjed biex tospita dak l-ammont ta' nies huwa diffiċli u għalhekk il-Kunsill jista' jfittex li jagħmel attivitajiet fi swali u postijiet oħra li diġa' għandhom iċ-ċertifikazzjoni biex jagħmlu attivitajiet u jospitaw in-nies. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issuġġerixxa jekk l-attivita' ssirx taħt it-tinda tal-Christmas Village. Is-Sindku qal li din hija opportunita' tajba li tista' tiġi diskussa fl-laqgħa oħra fejn ikollna ċ-ċans niġbru l-informazzjoni kollha.

## *36.14 Approvazzjoni għat-tweġiba tal-Management Letter*

36.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jgħati rendikont dwar it-tweġiba tal-Management Letter għas-sena 2020. Is-Segretarju qal li fil-Management Letter kien hemm punti li kien hemm bżonn jiġu highlighted fil-laqgħa fosthom li fil-gimgħat li ġejjin il-Kunsill ser ikollu jieħu ħsieb li ssir il-fixed asset register exercise, li hija spiża separata u li tista tilħaq l-ammont ta' €2,500. Madankollu, l-Kunsill huwa obbligat li jagħmel dan l-eżerċizzju bil-liġi peress li jrid ikun hemm accountability fuq l-assi tal-Kunsill anke jekk dawn m'għadhomx jintużaw. Apparti hekk is-Segretarju nforma lill-membri tal-Kunsill li fl-imghoddi t-taxxa ma kinetx qed tinqata' sewwa min fuq l-onorarja tal-Kunsilliera peress li din kienet qed tidher bħala part-time b'taxxa ta' 15%, meta suppost l-onorarja tinqata b'20%. B'hekk il-Kunsill ser ikun qed jirranġa dawn l-iżbalji amministrattivi. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *36.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

36.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għas-21 t'Ottubru fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv